MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru 32/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 32 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Carmel Vella li bih huwa gie akkuzat talli:
Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi f'xi zmien, fil-granet u l-gimghat ta' qabel l-14 ta' Frar, tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-akkuzat Carmel Vella, flimkien ma certu Josef Grech, iddecidew illi joqtlu lil Patricia Attard. Vella ftiehem ma' dan Grech li jmorru flimkien ma' Patricia Attard x' imkien lejn l-Ahrax tal-Mellieha wara li jhajjruha tmur maghhom b' xi storja attrajenti w fittizzja w, kif tersaq lejn it-tarf ta' l-irdum, jimbuttawha ghal isfel u joqtluha. L-akkuzat kellu jithallas somma konsiderevoli ta' flus ghas-sehem tieghu f'dan id-delitt. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, xi granet qabel l-14 ta' Frar, 2004, Josef Grech mar fejn it-Torri l-Ahmar fl-Ahrax tal-Mellieha flimkien ma' Patricia

Attard kif miftiehem bl-intenzjoni li, bl-ghajnuna ta' l-akkuzat Carmel Vella, jitfghuha ghall-isfel. Grech qal lil Attard li kienu sejrin hemmhekk in konnessjoni ma' xi garr ta' klandestini. Carmel Vella kellu jiltaqa' maghhom fuq il-post, kif fil-fatt ghamel. Pero' ghalkemm irnexxielhom johduha sa l-Ahrax tal-Mellieha, dan il-pjan ta' l-akkuzat u ta' Josef Grech sfratta peress li Attard bezghet tersaq lejn tarf l-irdum.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmel Vella sar hati talli f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f'Malta w cioe' li dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, jikkagunalha l-mewt f'Malta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Carmel Vella hati talli f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f'Malta w cioe' li dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, jikkagunalha l-mewt f'Malta.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' ghoxrin sena prigunerija, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 48A, 211(1)(2), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

U peress illi l-imsemmi Carmel Vella kkommetta dan ir-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fit-28 ta' Frar, 2002, talab li jigu applikati l-artikoli 28B u 28F tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Carmel Vella hati tal-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Montalto ghall-hati ddikjara li huwa mhux qed jikkontesta l-addebitu li kkommetta reat iehor fiz-zmien operattiv ta’ sentenza sospiza kif hemm fl-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Carmel Vella hati talli f’xi zmien, fil-granet u l-gimghat ta’ qabel l-14 ta’ Frar, 2004, f’Malta assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f’Malta w cioe’ li dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, jikkagunalha l-mewt, w dan skond l-Uniku Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Qieset li rrizulta ukoll li l-hati kkommetta dan ir-reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminal fit-28 ta’ Frar, 2002, u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-artikoli 28B u 28F tal-Kodici Kriminali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Roberto Montalto**, li jinsabu kollha registrati w cioe’ illi f’dan il-kaz, peress illi kien l-akkuzat stess li fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti spontanjament ta informazzjoni li inkriminatu bl-akkuza li taghha issa nstab hati w stante li ghad jista’ jghin lill-Pulizija w lill-Prosekuzzjoni f’kawzi ohra kontra terzi persuni involuti w stante li hu stess, minn dak li qal, jidher li wara l-ftehiem hass sodisfazzjon li l-pjan tieghu ma giex imwettaq u kien hemm *“backing down”*, kien il-kaz li l-Qorti taghti l-piena fil-minimu taghha.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur **Dr. Lara Lanfranco**, li tinsab registrata w cioe’ li, ghalkemm ir-reat kien wiehed serjissimu, l-prosekuzzjoni ma kienitx kontra li, fic-cirkostanzi, tinghata l-piena minima skond il-ligi w cioe’ dik ta’ sitt (6) snin prigunerija.

Ikkonsidrat;

Illi skond l-artikolu 48A (3) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat ta' assocjazzjoni biex jigi kommess delitt, hija l-piena ta' dak id-delitt imnaqqsa b' zewg gradi jew tlieta. Dan, skond l-iskala tal-pieni taht l-artikolu 31 (1) (b) (i) (ii) u (iii) tal-Kodici Kriminali, jwassal ghall-parametri ta' piena b' massimu ta' ghoxrin sena prigunerija (tnaqqis ta' zewg gradi mill-massimu) sa minimu ta' sitt snin prigunerija (tnaqqis bi tlitt gradi fuq il-minimum).

Issa f' dan il-kaz hu fatt li l-Pulizija qatt ma kienet tipprocedi kontra l-hati ghar-reat in dizamina, kieku ma kienux hu stess, minghajr ebda pressjoni ta' hadd, li spontanjament ghazel li jaghti d-dettalji kollha tal-pjan u ftehim ma Joseph Grech li wasslu biex inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tar-reat in dizamina. B' din l-informazzjoni inkriminanti hu gie wkoll ghin lill-Pulizija biex ikunu jistghu jipprocedu kontra Grech ghall-istess reat li lum qed jiffaccja l-hati apparti r-reat ta' omicidju li qed jiffaccja l-istess Grech f' Att ta' Akkuza separat pendenti quddiem din il-Qorti.

Ghalkemm ir-reat li tieghu nstab hati Carmel Vella huwa wiehed mill-aktar serji, dan il-fatt li hu inkrimina lillu nnifsu meta ma kellux ghalfejn ghaliex ma kienx qed jigi investigat hu, kif ukoll il-fatt li b' hekk ghin u jista' jghin fil-prosekuzzjoni ta' Grech ghall-istess reat, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandha fic-cirkostanzi, tigi applikata fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 211(1)(2), 23, 28A, 28B, 28F u 31 (1) (b) (i) (ii) (iii) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati **Carmel Vella** ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija.

Inoltre, peress li skond l-artikolu 28B (3) tal-Kodici Kriminali, jirrizulta lil din il-Qorti li l-hati kkommetta dan id-delitt fil-periodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala

Qorti ta’ Gudikatura Kriminali b’ sentenza tat-28 ta’ Frar, 2002, din il-Qorti qed tibghat lill-hati biex dik il-Qorti tittratta mieghu dwar ir-reat li tieghu kienet sabitu hati , skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------